# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 415/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Keith Magro**

Iben Joseph, imwieled Pieta' fit-28 ta' Marzu, 1986 u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 146786(M)

Illum is-27 ta' Novembru 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Keith Magro akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli nhar id-29 ta' Gunju 2016, ghall-habta tas-1:50am filwaqt li kien qieghed jsuq vettura Taxi ta' l-ghamla Renault b'numru ta' registrazzjoni TAXI 210M (FTY024) gewwa l-Gianpula Fields, Rabat:

1. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza u traskurata;
2. kif ukoll talli waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura involontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Disminder Bachu hekk kif iccertifika Dr. David Grima MD;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Lulju, 2016 fejn wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 15 (1)(a)(b) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 226 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat KEITH MAGRO hati ta sewqan traskurat u talli ikkaguna ferita involontarja ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Disminder Bachu u kkundannatu multa ta' mitt Ewro (€100) u mhux hati tal-akkuza ta' sewqan perikoluz u lliberatu minnha.

Ordnat inoltre li l-imputat KEITH MAGRO jkun sospiz mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien gimgha.

Rat ir-rikors tal-appellant Keith Magro minnu pprezentat fid-9 ta' Awwissu, 2016 fejn talab lil din il-Qorti tvarja u timmodifika is-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu lliberatu mill-imputazzjoni dwar sewqan perikoluz u tirrevoka s-sejbien ta' htija ta' sewqan traskurat u dwar li kkaguna ferita involontarja ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Disminder Bachu u tilliberah minnhom u minn kull htija skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti fasslet interpretazzjoni żbaljata tal-ligi in materja fid-dawl tal-provi prodotti quddiemha

u dan meta ghamlet enuncjazzjoni ta' dritt zbaljat dwar il-kuncett ta' nuqqas ta' '*proper lookout*' li fil-fehma tal-Ewwel Qorti kienet il-*causa prossima* tal-inċident stradali mertu tal-kawza. L-appellant jikkontendi illi kienu jirrizultaw l-elementi tal-*casus* jew tal-kaz fortwit li jwasslu sabiex jezimi ruhu mir-responsabbilta' penali billi l-incident ma kienx wiehed prevedibbli u li seta' jigi evitat bl-uzu tal-kawtela u diligenza. Dan ghaliex fil-fehma tieghu l-vittma kienet warajh tant illi intlaqtet mil-*mudguard* ta' wara tal-vettura. Jisħaq illi mhuwiex mistenni minn sewwieq prudenti illi jara dak li qed jigri wara l–vettura misjuqa minnu iżda dak li hemm quddiemu u fil-ġnub kif fil fatt għamel. Hu jinsisti li dan kien każ klassiku ta' *casus* fejn il-*parte ċivile* x'aktarx ġiet imbottata għal fuq il-vettura tieghu mill-folol li kien hemm f'dawk il-ħinijiet u laqtet il-vettura tal-appellant fejn konsegwentement waqghet fl-art u r-rota ta' wara tal-vettura ghaddiet minn fuq saqjaha biex b'hekk subiet il-feriti gravi li ġew riskontrati.

Illi sabiex tindirizza l-aggravji imressqa mill-appellant il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza u dan bil-ghan li tqies jekk l-Ewwel Qorti, fid-dawl tal-provi migjuba quddiemha u b'applikazzjoni tal-ligi in materja, setatx legalment u ragjonevolment tasal ghal dikjarazzjoni ta' htija. Illi s-sinistru stradali mertu ta' dawn il-proceduri sehh nhar id-29 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta tas-1:50am meta safat imtajjra persuna ta' nazzjonalita' barranija certu Disminder Bachu, fl-entratura li twassal ghad-diskoteka Gianpula gewwa ir-Rabat u dan meta saq minn hdejha l-appellant bit-taxi tieghu u laqatha. Jirrizulta mill-verzjoni moghtija mill-parti leza illi hi flimkien ma' shabha kienu mixjin bil-mod fuq in-naħa xellugija tat-triq fejn f'daqqa waħda ħasset daqqa u waqgħat mal-art fuq idha xellugija u kif waqgħat rat rota ta' karrozza ssuq fuq sieqa l-leminija u tibqa' għaddejja. Qalet ukoll li t-triq kienet mixgħula sew f'dak il-ħin. Il-pulizija tkellmet ukoll mal-appellant li kien is-sewwieq tal-vettura involuta fl-inċident li saħaq illi hu u ħiereġ minn Gianpula Grounds bil-passiġġieri hekk kif wasal ħdejn l-entratura sema l-għajjat u xi ħadd iħabbatlu fuq il-*bonnet* tal-vettura tiegħu, waqqaf u gie infurmat mis-sieħeb tal-parte ċivile li kien laqat lit-tfajla

tiegħu. Hu saħaq illi lil din il-persuna lanqas biss kien raha qabel l-inċident u li hu kien qed isuq bil-mod hafna. Il-pulizija tkellmu ma' xi persuni li kienu fuq il-post u li kkonfermaw illi l-appellant lanqas biss induna li laqat lill-vittma u filfatt kien ser jibqa' sejjer li kieku ma marrux jiġru warajh biex iwaqqfuh.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta kellha okkazzjoni tistharreg dak li jikkostitwixxi l-element tal-*proper lookout* mehtieg minn kull sewwieq prudenti u diligenti, kif ukoll li tistharreg l-elementi ta' dritt li isawwru l-principju tal-kaz fortwit u dan f'sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri deciza fit-28 ta' Frar 2018 fejn inghad:

> **"Ibda biex ……, "driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq, anki jekk il-*pedestrian* jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-*pedestrian*. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."(App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)**
>
> **Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:- "Il-*pedestrian* ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* ." (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta *pedestrian* jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car**

**iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)"**

**Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet: "Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' *pedestrian* jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet**
***a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;***
***b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;***
***c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."***

**..... ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta: "In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:**
***1. la volontarieta dell'atto;***
***2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u***
***3. la possibilita di prevedere.***

**Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide IlPulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"**

**Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, *"... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."* Bl-istess mod, il-Professur Anthony J.**

**Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: *"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".***

**L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:**
***"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."***

**Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi: *1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta; 2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola; 3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.***

**Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."**

Spjanat dan l-insenjament gurisprudenzjali u applikati ghal fattispecje ta' dan il-kaz ghandu jemergi illi l-investiment tal-*pedestrian* sehh meta din kienet miexja mal-genb tat-triq biswiet il-hbieb taghha, meta f'daqqa wahda ħasset

imbottatura qawwija u b'saħħitha.  Irkoptejha ċedew u waqgħet fuq ix-xellug tagħha. F'dan il-mument il-vettura li kienet ghaddejja biswit taghha rifsitilha saqajha tal-lemin. Is-sewwieq baqa' jsuq fuq saqjaha u *ż-żarbun* li kienet libsa inqasam f'biċċtejn u baqa' sejjer.

L-appellant minn naha tieghu jisħaq illi hu ma rax lill-vittma u lil sħabha ghaddejjin mal-genb tat-triq qabel l-inċident. Ighid illi hija laqtet il-*mudguard* ta' wara tal-vettura li jfisser li hu kien lahaq ghadda minn hdejha qabel sehh l-investiment. Infatti jgħid illi ma ndunax bl-inċident sakemm attirawlu l-attenzjoni biex jieqaf. Jishaq madanakollu li kienet din it-tfajla li harrget ghan-nofs u spuccat fil-karreggjata tat-traffiku fejn kien qieghed isuq hu sabiex b'hekk huwa spicca investieha. Din madanakollu hija supposizzjoni minn naha tieghu billi, kif inghad, l-appellant *ex admissis* ighid illi huwa lanqas biss induna li sehh dan l-incident.

Illi x-xhieda ta' xhud okulari James Grech, fil-fehma tal-Qorti hija determinanti ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza.  Jidher illi l-incident sehh meta it-tfajla, li kienet miexja fuq in-naha ta' barra tal-bankina hdejn shabha ntlaqtghet mill-vettura tal-appellant, tilfet il-bilanc, waqghet fl-art. Illi mhux biss, izda ighid ukoll illi peress illi l-appellant ma indunax b'dan, baqa' jsuq bil-konsegwenza illi ir-rota ghaddiet minn fuq saqajn it-tfajla, li konsegwentement sofriet il-griehi gravi rapportati.  Jistqarr illi l-appellant laqat lil vittma bit-*tyre* ta' wara.  Mix-xiehda tieghu jirrizulta illi f'dak il-hin ikun hemm hafna konfuzjoni ta' nies dehlin u hergin minn Gianpula. Dan kellu ifisser allura illi mill-appellant kien mistenni grad iktar oghla ta' attenzjoni.

Issa huwa inkontestat illi fil-hin tal-incident kien hemm hafna nies mexjin bil-pass biswit il-vettura misjuqa mill-appellant. Huwa nkontestat ukoll illi l-appellant kien miexi bil-mod hafna. Illi huwa indubitat ukoll ghal din il-Qorti illi meta il-vittma waqghet fl-art il-vettura tal-appellant ma kenitx lahhqet skorrietha tant illi fil-fatt hija intrifset bir-rota ta' wara. Dak li jhasseb lil Qorti

huwa kif l-appellant li kien ghaddej bil-mod ma indunax illi persuna laqtet il-vettura tieghu u li di piu' wara li dan sehh huwa ma indunax u baqa' jsuq tant illi spicca sehh l-investiment. Dan jindika illi s-sewwieq kien ferm aljenat. Li kieku l-appellant induna tempestivament b'dak li kien qed jigri madwaru, haga li injora kompletament ghal xi raguni inspjegabbli, huwa kien certament jinduna bid-daqqa li qalghet il-vittma mal-vettura tieghu u kien iwaqqaf biex jara x'gara u mhux jibqa' jsuq minn fuqha fejn lanqas biss induna tant illi kellhom jattirawlu l-attenzjoni n-nies ta' madwaru. Konsegwentement tenut kont ta' dan u fid-dawl tal-fatt illi fil-mument meta' seħħ il-każ kien hemm diversi persuni bil-pass sejrin fid-direzzjoni ta' Gianpula, bħalma filfatt kienet il-parti ċivile u sħabha, l-appellant kellu jimxi aktar bil-qalbu u joqghod ferm attent b'dak li qed jigri fid-dintorni tieghu inkluż allura fil-ġnub tal-vettura fejn kienet tinsab il-parte ċivile meta intlaqtet. Illi t-tezi ta'l-appellant illi it-tfajla kienet fuq in-naha ta' wara tal-vettura meta intlaqtghet, apparti illi hija kongettura billi huwa ma rax l-incident isehh, hija ghal kollox insostenibbli ghaliex li kieku meta din waqghet fl-art kienet tinsab wara l-vettura tieghu, allura kienet tkun il-vettura ta' warajh li ttajjarha u mhux hu.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-konsegwenzi sfortunati u gravi ta' dan l-inċident setghu jiġu evitati li kieku l-appellant kien aktar kawt. Maghdud dan madanakollu, l-Qorti tqies ukoll illi tirrizulta n-negligenza kontributorja tal-vittma li kienet miexja fuq in-naha ta' barra tat-triq meta kien hemm il-vetturi ghaddejjin minn maghha, minflok imxiet wara shabha meta kien hemm traffiku fil-vicinanzi taghha. Din in-negligenza kontributorja ma tezonerax lill-appellant mill-htija, izda tista' isservi biss bhala attenwanti fil-piena. Illi fil-fatt hekk jidher li ghamlet l-Ewwel Qorti billi il-piena erogata fil-konfront tal-appellant hija wahda verament miti.

Illi allura l-Qorti ma tarax illi hemm motiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u ghaldaqstant l-aggravji imqanqla mill-appellant qed jigu michuda.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bit-terminu ta' gimgha ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghandha tibda tiddekorri mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur